# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 30 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 4**

**Rikors numru 718/22/1 GM**

**Western Company Limited (C-19994)**

**v.**

**Salvu Pisani u martu Mary Pisani**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar żewġ appelli mressqa mill-kumpanija Western Co. Limited: (i) wieħed mid-digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Ġunju, 2023 fejn ġiet miċħuda t-talba tagħha għat-tneħħija ta' nota mressqa mill-konvenuti, li biha kienu indikaw fuq liema paragrafu tal-**Artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili** huma kienu qegħdin isejsu

l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni; u (ii) l-ieħor mis-sentenza tat-13 ta' Lulju, 2023 fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet l-ewwel talba tagħha għaliex laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili** u ċaħdet il-bqija tat-talbiet l-oħra, wara li laqgħet l-eċċezzjoni tal-ġudikat.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tat-8 ta' Awwissu, 2022, Western Co. Limited fissret li hija ffirmat konvenju mal-konvenuti bid-data tal-14 ta' Novembru, 2011, li permezz tiegħu l-konvenuti kienu wegħdu li jbiegħulha garaxx f'Birkirkara bil-prezz ta' €90,000. Western Co. Limited tgħid li sat-28 ta' Lulju, 2019 hija kienet ħallset dan il-prezz kollu lill-konvenuti, madankollu l-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ baqa' ma sarx. Għalhekk tkompli tgħid li hija fetħet kawża bin-numru ta' riferenza 899/2020AF sabiex isir dan il-kuntratt. Dan il-kuntratt iżda ma setax isir għaliex b'sentenza mogħtija fil-5 ta' Lulju, 2022 fil-kawża 899/2020AF, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet li l-konvenju ma kienx jiswa minħabba li ma ġiex reġistrat skont il-liġi.

3. Western Co. Limited tgħid li wara din is-sentenza hija talbet lill-konvenuti sabiex jagħtuha lura l-flejjes li ġew mgħoddija lilhom għall-garaxx, u peress li dawn baqgħu ma raddewhomx, hija fetħet din it-tieni

kawża u talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara illi li l-konvenuti jridu jirrifondu lura lis-soċjetà attriċi dak imħallas minnha akkont mill-prezz wara konvenju datat 14 ta' Ottubru 2011 rigwardanti l-fond garage bl-isem ta' "Datsun", mingħajr numru uffiċjali fi Triq Santa Maria, B'Kara, u dan bl-imgħax mid-data ta' kull pagament imħallas;*
>
> *2. Tiddikjara wkoll illi l-konvenuti huma tenuti li jagħmlu tajjeb għat-telf ta' qligħ minħabba l-fatt illi l-kuntratt finali fuq il-garage inkwistjoni ma seħħx u dan kif wegħdu huma stess;*
>
> *3. Tillikwida konsegwentement dak dovut mill-konvenuta lis-soċjetà attriċi konsegwenza tal-ewwel żewġ talbiet;*
>
> *4. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma hekk likwidata.*
>
> *Bl-ispejjeż inkluż dawk ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju u mandat ta' inibizzjoni ppreżentat biex jikkawtelaw dawn il-pretensjonijiet, u l-konvenuti inġunti in subizzjoni.»*

4. Il-konvenuti wieġbu fis-6 ta' Settembru, 2022 u qajmu dawn l-eċċezzjonijiet:

> *«1. Preliminarjament, it-talba rikorrenti għar-rifużjoni ta' ammonti mħallsa lill-esponenti, hija waħda preskritta ai termini tal-artikolu 2156 tal-Kapitolu 16.*
>
> *In sostenn ta' din l-eċċezzjoni, l-esponenti qegħdin jehmżu kopja ta' rikordju ta' pagamenti li kienu saru mir-rikorrenti lill-esponenti fejn jidher biċ-ċar illi l-aħħar pagament kien sar fil-15 ta' April 2014 u għalhekk għaddew aktar minn ħames snin minn l-aħħar pagament u minn meta, minn tal-anqas seta' jitlob lura xi ammont ta' flus li allegatament huma dovuti lilu. Illi wkoll l-esponenti jissottomettu li r-rikorrenti qatt ma kiser din il-preskrizzjoni permezz ta' xi ittra uffiċjali sabiex jissalvagwardja xi drittijiet tiegħu.*
>
> *2. Preliminarjament ukoll, l-esponenti jeċċepixxu li t-talba rikorrenti għal ħlas ta' telf ta' qligħ ossia danni, hija waħda ġa res judicata. Illi fil-kawża fl-ismijiet "Western Co. Ltd v. Salvu Pisani et" 899/2020 AF, deċiża fil-5 ta' Lulju 2022, din il-Qorti, diversament preseduta, mhux biss iddeċidiet li l-konvenju datat 14 ta' Ottubru 2011 kien wieħed invalidu stante li ma kienx ġie rreġistrat mal-Kummissarju tat-Taxxa iżda wkoll irrespinġiet t-talba rikorrenti ta' kundanna ta' ħlas ta' danni.*

*2.1 F'dik is-sentenza ġie deċiż hekk:*

*«Bħala konvenju u sabiex ikun validu, m'hemmx dubju li kellu jkun irreġistrat mal-Kummissarju tat-Taxxi. A tenur tal-artikolu 3(6) tal-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dokumenti u Trasferimenti (Kap. 364):*

> *"Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, konvenju ta' bejgħ jew ta' trasferiment ta' kull proprjetà immobbli jew ta' kull dritt reali fuqha, ma jkunx validu jekk avviż tiegħu ma jkunx ingħata lill-Kummissarju fi żmien u b'dak il-mod, u li jkun fih dawk il-partikolaritajiet, li jistgħu jiġu stabbiliti. Dan l-avviż għandu jingħata flimkien ma' ħlas ta' taxxa provviżorja ekwivalenti għal għoxrin fil-mija tal-ħlas ta' taxxa li jkollha titħallas skont l-artikoli 32 u 40 (...)"*

*Imbagħad, a tenur tar-Regoli dwar it-Taxxa Fuq Dokumenti u Trasferimenti (Leġislazzjoni Sussidjarja 364.06) senjatament ir-Regola numru 10:*

> *"(1) Il-persuna li qed tittrasferixxi jew il-persuna li qed tirċievi fuq wegħda ta' bejgħ jew ta' trasferiment ta' proprjetà immobbli jew ta' xi dritt reali fuqha għandu jagħti l-avviż imsemmi fl-artikolu 3(6) tal-Att, u għandu għal dan il-għan iqabbad nutar pubbliku jew avukat sabiex jagħti l-imsemmi avviż, b'dan illi l-imsemmi nutar jew avukat għandu jingħata l-informazzjoni kollha meħtieġa għan-notifika:*
>
> *Iżda fejn in-nutar jew avukat huwa mqabbad sabiex iħallas it-taxxa provviżorja, jekk din hija dovuta, il-persuna li qed tirċievi għandha tipprovdi lin-nutar jew avukat bil-fondi neċessarji sabiex titħallas it-taxxa provviżorja,*
>
> *...*
>
> *(4) Il-Kummissarju m'għandux jaċċetta l-avviż jekk ma jkunx sottomess fl-Uffiċċju tal-Kummissarju fi żmien wieħed u għoxin (21) jum wara li tkun saret il-wegħda ta' bejgħ jew wegħda ta' trasferiment ta' proprjeta' immobbli jew ta' xi dritt reali fuqha:"*

*L-eċċezzjoni għandha għalhekk tintlaqa'. Dan iġib miegħu illi t-talbiet tas-soċjetà attriċi – mibnija fuq il-premessa illi meta sar il-kuntratt bejniethom fl-14 ta' Ottubru 2011 kien hemm konvenju li jorbot lill-konvenuti, ma jistgħux jintlaqgħu. Għalhekk u għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti u konsegwentement, tiċħad it-talbiet attriċi.»*

*2.2 Illi billi f'dik il-kawża kien hemm ukoll talbiet għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni, liema talbiet ġew respinti, għalhekk ir-rikorrenti ma jistax jerġa' f'din il-kawża, jitlob għal danni konsistenti f'telf ta' qligħ bbażati fuq l-istess konvenju li ġa ġie deċiż bħala wieħed invalidu.*

*2.3 Illi skont sentenza mogħtija fil-kawża "Charles Cortis v. Francis X. Aquilina et" 766/2000 deċiża fil-25 ta' Settembru 2003: «Tlieta huma l-elementi li jmisshom jiġu murija minn min iqanqal l-eċċezzjoni biex din isseħħ. Dawn l-elementi huma l-istess oġġett (eadem res), l-istess partijiet (eadem personae) u l-istess mertu (eadem causa petendi). Huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh ukoll il-massima li biex*

*dik l-eċċezzjoni tirnexxi jeħtieġ li t-tliet elementi jkunu jikkonkorru għax, fin-nuqqas, ma jistax jingħad li l-ħaġa hija l-istess (nisi omnia concurrunt, alia res est);» Illi l-esponenti jsostnu illi dawn it-tliet elementi jissussistu għal din l-eċċezzjoni ta' res judicata.*

*3. Illi huwa ben rikonoxxut fil-ġurisprudenza nostrana li quod nullum est nullum producit effectum, u dan ġie milqugħ fis-sentenza hawn fuq ċitata. Illi għalhekk kwalsiasi allegata skrittura ffirmata u bbażata fuq dan il-konvenju invalidu, hija waħda mingħajr effett legali.*

*3.1 Illi f'din il-kawża, ir-rikorrenti qiegħed jibbaża din it-talba tiegħu fuq skrittura datata 28 ta' Lulju 2019, fejn għandu jingħad li kopja biss ġiet ippreżentata u l-esponenti ser jitolbu l-isfilz tagħha u li tiġi ppreżentata qabel l-oriġinali tagħha. Illi din l-iskrittura għalhekk kienet saret qabel ma ġiet istitwita l-kawża 899/20 AF fit-8 ta' Ottubru 2020 u għalhekk tinkwadra ruħha fid-danni imsemmija fis-sentenza hawn fuq ċitata, illum res judicata.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

5. B'digrieti mogħtija fis-seduta tat-18 ta' Ottubru, 2022 (ara paġna 23 tal-atti tal-kawża) u fis-seduta tas-17 ta' Jannar, 2023 (ara paġna 28 tal-atti tal-kawża), l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-ewwel kellhom jinġabru l-provi kollha u jiġu deċiżi l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuti, dawk dwar il-preskrizzjoni u l-ġudikat.

6. L-avukati tal-partijiet ressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-fomm fit-2 ta' Marzu, 2023 u minn hemm il-kawża tħalliet għas-sentenza għal nhar il-11 ta' Mejju, 2023 (ara paġna 31 tal-atti tal-kawża).

7. Is-sentenza iżda ma ngħatatx fil-11 ta' Mejju, 2023 għaliex il-Qorti ssospendiet l-għoti tagħha (ara paġna 37 tal-atti tal-kawża). Dakinhar ukoll l-avukat tal-konvenuti ppreżenta nota (ara paġna 38 tal-atti tal-kawża), fejn fiha ddikjara li l-ewwel eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-

konvenuti hija msejsa speċifikatament fuq is-**subinċiż (f) tal-Artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili**. Il-kawża mbagħad tħalliet għas-sentenza għat-13 ta' Lulju, 2023.

8. B'rikors imressaq fis-16 ta' Mejju, 2023, Western Co. Limited talbet lill-Ewwel Qorti sabiex tordna t-tneħħija ta' din in-nota li l-konvenuti ppreżentaw fil-11 ta' Mejju, 2023.

9. Dan ir-rikors iżda ġie miċħud b'digriet mogħti mill-Ewwel Qorti fl-14 ta' Ġunju, 2023, li jaqra hekk:

> *«Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet George Falzon u Assoċjazzjoni tat-Transport Pubbliku deċiża 30 ta' Marzu 2022 (Rik.Ġur 387/10) u l-konsiderazzjonijiet hemm esposti, inkluż il-possibilità li subinċiż jiġi ċċitat anke fl-Appell u allura l-inutilità [sic] tal-eċċezzjoni li subinċiż tal-artiklu 2156 tal-Kodiċi Ċivili u saħansitra l-possibilità li l-Qorti tissuplixxi s-subinċiż hi minkejja dak li stabbiliet ġurisprudenza anterjuri.*
>
> *Għalhekk tiċħad it-talba.»*

10. Imbagħad b'sentenza mogħtija fit-13 ta' Lulju, 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, wara li laqgħet kemm l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili**, kif ukoll l-eċċezzjoni tal-ġudikat, issoktat billi ċaħdet it-talbiet kollha tal-kumpanija attriċi.

11. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex tiddeċiedi hekk kienu dawn:

*«Sar konvenju bejn il-partijiet kif ukoll varji depożiti akkont tal-prezz ta' garaxx. L-attriċi fetħet kawża 899/2020 AF kontra l-konvenuti biex tenforza l-konvenju u ġġiegħlhom ibiegħulha, kif ukoll talbet likwidazzjoni u ħlas tad-danni. B'sentenza tal-5 ta' Lulju 2022, din il-Qorti sabet li l-konvenju kien null għaliex ma kienx irreġistrat mal-Kummissarju tat-Taxxi u għalhekk ċaħdet it-talbiet kollha. Bħala bażi għat-talba tagħha għad-danni, fir-rikors maħluf f'dik il-kawża l-attriċi għamlet riferenza għall-ftehim ta' ċessjoni li għamlet ma' terz u li skada. Hija tirrepeti l-istess talba f'din il-kawża, abbażi tal-istess premessa. M'hemmx l-iċken dubju li għal din it-talba issa hemm l-ostaklu tal-ġudikat. Dan jipprekludiha milli tieħu konjizzjoni tat-tieni, it-tielet, u r-raba' talba.*

*Ikkunsidrat:*

***Preskrizzjoni**:*

*L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti hija li t-talba għar-rifużjoni tad-depożitu hija preskritta a tenur tal-Art. 2156 tal-Kap 16. Qabel għaddiet għall-prolazzjoni tas-sentenza, il-konvenuti, fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2023, ippreżentaw nota li permezz tagħha speċifikaw li kienu qegħdin jistrieħu fuq is-subinċiż (f) tal-istess Artiklu. Il-Qorti reġgħet ħalliet il-kawża għas-sentenza għal-lum. Sadanittant is-soċjetà attriċi ppreżentat rikors li permezz tiegħu talbet li tiġi sfilzata l-istess nota. Il-Qorti ċaħdet it-talba bi provvediment kamerali tal-14 ta' Ġunju 2023.*

*Jirriżulta, anke fuq ammissjoni tal-konvenut, li l-attriċi tassew għamlet għadd ta' pagamenti akkont tal-prezz bl-aħħar wieħed fl-14 ta' Ottubru 2011. In sostenn ta' din l-eċċezzjoni, Salvatore Pisani ssodisfa r-rekwiżit tal-Art. 2160(1) tal-Kodiċi Ċivili billi kkonferma bil-ġurament tiegħu li m'għandu jħallas xejn u li mhux debitur tal-attriċi (Fol. 27).*

*Kuntrarjament għal dak li tissottometti s-soċjetà attriċi, l-ammissjoni tal-pagamenti msemmija ma twaqqax l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenut, għaliex tirreferi għal perjodu ta'* **qabel** *ma bdiet miexja l-preskrizzjoni.*

***Sospensjoni tal-preskrizzjoni waqt smigħ ta' kawża**.*

*Imiss jiġi kkunsidrat jekk il-kawża dwar il-konvenju fuq imsemmija kellhiex l-effett li tissospendi l-preskrizzjoni. Huwa stabbilit mill-ġurisprudenza u mid-dottrina, li biex ikun hemm sospensjoni, jinħtieġ li l-eżerċizzju ta' azzjoni jkun jiddependi mir-riżultat ta' kawża li fiha jkun ġie attakkat il-presuppost tad-dritt pretiż fl-istess azzjoni.*

*...*

*M'għandux mis-sewwa l-argument tal-abbli avukat difensur tas-soċjetà attriċi li qabel is-sentenza de quo agitur, ma setax jitlob ir-rifużjoni tad-depożitu għaliex ma kienx hemm pronunzjament li l-konvenju kien null.*

*Is-sentenza fil-kawża Rik. Nru. 899/20 kienet waħda dikjaratorja u ċjoè li l-konvenju kien null u ma jiswiex. Għalhekk ma kienet ta' ebda ostaklu għal Western Co. Limited biex tieħu kull azzjoni meħtieġa biex tieħu lura d-depożitu magħmul minnha. In-nullità tal-konvenju ma ġietx stabbilita permezz tal-pronunzjament ġudizzjarju; is-sentenza sempliċiment għamlet dikjarazzjoni ta' x'kienet il-qagħda legali; bl-ebda mod ma biddlitha u għalhekk kienet waħda dikjaratorja.*

*L-attriċi ppreżentat żewġ dokumenti (Fol. 34 u 35) li permezz tagħhom tallega li nkisret il-preskrizzjoni permezz ta' ammissjoni tad-debitu mill-konvenut. Dawn l-iskritturi mhumiex awtentikati minn avukat jew persuna oħra awtorizzata skont l-Art. 634 tal-Kodiċi ta' Proċedura. Hemm firma ħdejn il-kliem "witness to signature" ta' persuna li ma ttellgħetx tixhed biex tikkonferma l-firma tagħha bil-ġurament u fi kwalunkwe każ mhux magħrufa l-identità tagħha, għalkemm fuq l-iskrittura a fol. 35 hemm imniżżel numru tal-karta tal-identità tagħha. Dan iżda mhuwiex biżżejjed biex tiġi awtentikata l-firma tal-konvenut.*

*Skont l-Artiklu 634(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura:*

> *«Il-persuna li kontra tagħha tinġieb karta li milli jidher tkun iffirmata minnha nfisha, hija obbligata li tiddikjara b'mod pożittiv jekk il-kitba jew il-firma hix tagħha jew le, u, fin-nuqqas ta' din id-dikjarazzjoni, din il-kitba jew firma tkun magħduda, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, li hija l-kitba jew firma tagħha.»*

*Il-konvenut jiċħad li ffirma dawn id-dokumenti, u għalhekk waqqa' l-preżunzjoni kontra tiegħu li l-firma fuq id-dokumenti msemmija hija tassew tiegħu. Wara din iċ-ċaħda, il-piż tal-prova li l-konvenut ffirma l-iskritturi msemmija tispetta lill-attriċi u dan sabiex tinnewtralizza ċ-ċaħda min-naħa tal-konvenut li l-firma hi tiegħu (Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet Francis Vella v. Carmel Caruana 05.06. 1959 Vol XLIII.i.274; Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) [Imħallef P. Sciberras] fil-kawża Maltacom plc v. Ibrahim Salifu deċiża fis-6 ta' Frar 2008; John Gatt v Bryen Gatt 24.06.2008 Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Superjuri) – Maġ. (illum Imħ.) Anthony Ellul). Skont Art. 535 tal-istess Kodiċi:*

> *«Meta hu meħtieġ li tiġi vverifikata l-kitba ta' min ikun kiteb jew iffirma dokument, dik il-prova tista' ssir -*
>
> *(a) billi l-kitba tiġi magħrufa minn min ikun kiteb jew iffirma d-dokument;*
> *(b) b'xhieda li raw lill-persuna tikteb jew tiffirma d-dokument;*
> *(c) b'xhieda illi, għalkemm ma rawx lill-persuna tikteb jew tiffirma d-dokument, ikunu jagħrfu l-kitba tagħha;*
> *(d) bit-taqbil ta' kitba ma' oħra, jew b'ċirkostanzi oħra jew konġetturi;*
> *(e) b'periti tal-kitba, meta tkun kitba diffiċli biex tiġi ivverifikata.»*

*L-attriċi ma ġiebet l-ebda prova bħal din.*

*Mhux biss imma. L-iskritturi, li huma in parti stampati u in parti miktubin bl-idejn, għandhom is-sena indikata fid-data mibdula minn "2000" għal*

*“2019”. Ħdejn il-korrezzjoni hemm inizjali ta’ addett tal-attriċi, imma mhux ukoll tal-konvenut. Dan joħloq dubju serju dwar id-data li fihom ġew iffirmati dawn id-dokumenti.»*

12. Western Co. Limited appellat mid-digriet tal-14 ta’ Ġunju, 2023 u mis-sentenza tat-13 ta’ Lulju, 2023 u talbet minflok sabiex tiġi mneħħija mill-atti tal-kawża n-nota tal-konvenuti fejn speċifikaw is-subinċiż tal-**Artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili** li fuqu sejsu l-ewwel eċċezzjoni tagħhom u sabiex jiġu miċħuda l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti dwar il-preskrizzjoni u r-*res iudicata*.

13. Il-konvenuti Salvu u Mary Pisani wieġbu fit-13 ta’ Settembru, 2023, u fir-risposta tagħhom huma semmew ir-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jiġi miċħud u għaliex id-digriet u s-sentenza tal-Ewwel Qorti għandhom jibqgħu fis-seħħ.

14. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m’hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b’hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b’riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**.

**Konsiderazzjonijiet:**

15. Il-Qorti sejra tibda billi tqis l-ewwel l-**<u>appell mid-digriet tal-14 ta’ Ġunju, 2013</u>**, li permezz tiegħu l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba ta’ Western Co. Ltd sabiex tiġi mneħħija mill-atti tal-kawża, in-nota mressqa mill-

konvenuti fil-11 ta' Mejju, 2023 fejn dawn indikaw fuq liema subinċiż tal-**Artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili** huma kienu qegħdin isejsu l-ewwel eċċezzjoni tar-risposta maħlufa tagħhom.

16. Western Co. Ltd tisħaq fl-aggravju tagħha li l-konvenuti ma kinux indikaw fir-risposta maħlufa tagħhom fuq liema subinċiż tal-**Artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili** huma kienu qegħdin jallegaw li l-azzjoni attriċi tinsab preskritta. Għalhekk targumenta li skont il-ġurisprudenza tali eċċezzjoni ta' preskrizzjoni kellha titqies bħala waħda inammissibbli u dan sewwasew minħabba nuqqas ta' indikazzjoni speċifika tas-subinċiż applikabbli. Peress li l-Ewwel Qorti aċċettat li żżomm fl-atti tal-kawża n-nota tal-konvenuti li biha indikaw is-**subċinċiż (f)** tal-**Artikolu 2156**, il-kumpanija appellanti tgħid li l-Ewwel Qorti ġiet li offriet vantaġġ mhux mistħoqq lill-konvenuti biex jirrimedjaw għan-nuqqasijiet tagħhom.

17. Minbarra dan, Western Co. Ltd tgħid li l-Ewwel Qorti għamlet ħażin li ssospendiet l-għoti tas-sentenza u saħansitra anke tat l-opportunità lill-konvenuti sabiex iressqu tali nota biex jispeċifikaw taħt liema subinċiż tal-**Artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili** huma kienu qegħdin iqanqlu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. B'dan il-mod, skont il-kumpanija appellanti l-konvenuti ngħataw iċ-ċans li jressqu eċċezzjoni ġdida tal-preskrizzjoni. Ħaġa li skontha ma setgħetx issir b'sempliċi nota iżda kellha ssir b'risposta maħlufa ulterjuri. Għalhekk il-kumpanija appellanti ssostni li din in-nota

kellha tiġi sfilzata.

18. Min-naħa tagħhom, il-konvenuti jwieġbu għal dan l-appell billi jargumentaw li mhuwiex minnu li huma ressqu eċċezzjoni ġdida tal-preskrizzjoni għaliex l-**Artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili** ġie effettivament imsemmi fir-risposta maħlufa tagħhom u kulma għamlu fin-nota huwa li identifikaw taħt liema subinċiż tal-**Artikolu 2156** huma kienu qegħdin jgħidu li l-azzjoni attriċi tinsab preskritta.

19. Huwa ċar li dan l-aggravju ta' Western Co. Ltd kontra d-digriet tal-14 ta' Ġunju, 2023 huwa msejjes fuq il-premessa li l-ġurisprudenza Maltija hija fis-sens li qorti ma tistax tistħarreġ eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-**Artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili** jekk min iqanqal dik l-eċċezzjoni ma jispeċifikax ukoll is-subċiniż tal-**Artikolu 2156** li jgħodd għall-każ.

20. Din il-premessa però mhijiex waħda tajba.

21. Tassew l-aħħar xejra ġurisprudenzjali fuq dan is-suġġett hija li m'hemmx nullità tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-**Artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili** jekk wieħed iqajjem l-**Artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili** mingħajr ma jsemmi s-subinċiż speċifiku (ara f'dan is-sens is-sentenzi ***Victoria sive Vivienne Mangion et v. Albert Mifsud*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2004, ***George Falzon v. Assoċjazzjoni tat-***

***Trasport Pubbliku*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu, 2022 u ***John Camilleri v. Maria Camilleri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ottubru, 2022).

22. Ir-raġuni hi li ladarba skont il-liġi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' titqajjem f'kull waqt tal-kawża, imqar fl-istadju tal-appell, allura ma jkun ta' ebda fejda li l-Qorti tiċħad l-eċċezzjoni mqajma fuq is-saħħa tan-nuqqas tat-tismija tas-subinċiż partikolari, biex imbagħad dik l-eċċezzjoni terġa' titqajjem mill-ġdid mill-eċċipjenti. Rilevanti wkoll li l-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-sentenza ***Paul Xuereb v. Amabile Fiott*** deċiża fl-14 ta' Mejju, 1980 qalet li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' titqajjem ukoll wara li kawża tkun ġiet imħollija għas-sentenza, ladarba din tista' titqajjem f'kull waqt tal-kawża.

23. Lura għall-każ tagħna, huwa minnu li l-konvenuti ma mxewx b'attenzjoni, meta fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom naqsu milli jindikaw liema kien is-subinċiż eżatt tal-**Artikolu 2156** li jgħodd għall-każ tal-lum. B'danakollu dan ma jwassalx għall-inammissibilità jew għan-nuqqas ta' siwi ta' dik l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Tajjeb jew ħażin l-artikolu tal-preskrizzjoni ġie msemmi fir-risposta maħlufa. Għalhekk jekk xejn, it-tismija b'mod ġenerali tal-**Artikolu 2156** fl-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, kellu jwassal biex l-Ewwel Qorti tifhem li l-konvenuti kienu qegħdin jgħidu li s-subinċiżi kollha huma applikabbli.

24. Wara kollox skont l-**Artikolu 730 tal-Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili**, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għandha tiġi deċiża b'kap separat qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-mertu, b'dana li jekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tiġix deċiża, is-sentenza tista' titqies bħala nulla minħaba difett fil-forma (ara ***John Said v. Michael Bugeja*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Lulju, 2010).

25. Fil-każ tal-lum l-Ewwel Qorti iżda, minflok tat is-sentenza tagħha fuq is-subinċiżi kollha li jifformaw parti mill-**Artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili**, iddeċidiet li tissospendi l-għoti tas-sentenza u stiednet lill-konvenuti biex jispeċifikaw jekk l-eċċezzjoni tagħom tal-preskrizzjoni hijiex imsejsa fuq xi subinċiżi speċifiċi tal-**Artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivil**i. Fil-fatt il-konvenuti indikaw b'nota li huma kienu qegħdin jibbażaw biss l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fuq is-**subinċiż (f) tal-Artikolu 2156**.

26. Din il-Qorti ma tara xejn ħażin bil-mod ta' kif imxiet l-Ewwel Qorti, illi stiednet lill-konvenuti biex jippreċiżaw is-subinċiżi rilevanti tal-**Artikolu 2156** minflok qagħdet tiddeċiedi fuq is-subinċiżi kollha tal-istess artikolu.

27. B'żieda ma' dan, ma jirriżultax li l-konvenuti tħallew iressqu xi eċċezzjoni ġdida li ma kinitx ġa fir-risposta maħlufa tagħhom. Anzi bin-nota tagħhom tal-11 ta' Mejju, 2023, il-konvenuti illimitaw l-eċċezzjoni tal-

preskrizzjoni tagħhom fuq l-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili**. B'hekk bin-nota tagħhom, il-konvenuti naqsu u mhux kabbru l-iskop tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tagħhom.

28. Għalhekk l-appell ta' Western Co. Ltd kontra d-digriet tal-14 ta' Ġunju, 2023 qiegħed jiġi miċħud.

29. Il-Qorti sejra tgħaddi issa biex tqis l-**appell ta' Western Co. Ltd mis-sentenza tat-13 ta' Lulju, 2023**.

30. L-ewwel aggravju minn din is-sentenza jolqot dik il-parti fejn ġiet milqugħa l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenuti taħt l-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili**.

31. Western Co. Ltd tisħaq li din l-eċċezzjoni ma kellhiex tintlaqa' għal dawn r-raġunijiet li ġejjin: (i) li dan is-subinċiż ma jgħoddx għar-radd lura ta' flejjes li jkunu ngħataw fuq konvenju li jkun ġie dikjarat null b'sentenza tal-Qorti; (ii) li l-jedd tal-azzjoni tagħha biex tiġbor lura l-flejjes li ħallset fuq il-konvenju twieled fid-data ta' meta fil-5 ta' Lulju, 2022, il-Qorti ddikjarat fis-sentenza tagħha fil-proċeduri 899/2020AF li dak il-konvenju huwa null għaliex ma ġiex reġistrat mal-Kummissarju tat-Taxxi; (iii) li l-konvenuti ammettew li kellhom f'idejhom flejjes li saru akkont tal-prezz u li l-konvenju ġie dikjarat null, u għalhekk ma jistgħux skont l-**Artikolu**

**2160 tal-Kodiċi Ċivili** jiddikjaraw li huma mhumiex debituri tagħha; u (iv) li l-Ewwel Qorti apprezzat b'mod ħażin il-provi meta ma qisietx li l-konvenuti kienu aċċettaw f'kitba privata li għandhom iroddu lura l-prezz li rċevew mill-konvenju.

32. Il-konvenuti wieġbu għal dan l-aggravju billi qalu: (i) li l-kumpanija appellanti ma sejsitx il-kawża tagħha fuq il-kunċett ta' pagament indebitu iżda fuq rifużjoni ta' flus; (ii) li s-sentenza mogħtija fil-proċeduri 899/2020AF kienet waħda ta' bixra dikjaratorja u għalhekk ma kellhiex l-effett li tissospendi jew iżżomm it-tluq tat-terminu tal-preskrizzjoni; (iii) li huma stqarrew li mhumiex midjunin tal-kumpanija appellanti għall-għanijiet tal-**Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili**; u (iv) li huma ma jaqblux mal-kumpanija appellanti li l-Ewwel Qorti wettqet għarbiel ħażin tal-provi.

33. Hekk meqjusa l-pożizzjoni taż-żewġ naħat, il-Qorti trid tibda billi tqis jekk iż-żmien ta' preskizzjoni msemmi mill-konvenuti taħt l-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili** jgħoddx għat-tip ta' kawża li fetħet il-kumpanija appellanti.

34. Huwa naturali illi ż-żmien tal-preskrizzjoni jrid jitqies b'riferenza għall-azzjoni kif imfassla. Din hija għażla li l-liġi tagħti lil kull parti attriċi, u hija fuq din l-għażla li jiddependi l-eżitu tal-azzjoni. Dan ifisser li jekk parti tagħżel li tressaq il-pretensjonijiet tagħha kontra parti oħra fuq kawżali

partikolari, l-eċċezzjoni li titqanqal mill-parti mħarrka kontra l-azzjoni magħmula kontriha trid titkejjel fuq dik il-kawżali u mhux fuq x'taħseb il-parti mħarrka li setgħet kienet il-kawżali vera (ara ***Falzon Service Station Limited et pro et noe v. Il-Koporazzjoni EneMalta et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Novembru, 2020 u ***Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma v. Oil and Construction International Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-28 ta' April, 2004).

35. Għalhekk, il-Qorti trid l-ewwel tqis jekk l-artikolu tal-preskrizzjoni li jkun ġie mqanqal ikunx jgħodd għaċ-ċirkostanzi tal-azzjoni li l-eċċezzjoni trid twaqqaf, qabel ma tgħaddi biex tistħarreġ il-provi dwar jekk għaddiex it-terminu tal-preskrizzjoni jew dwar jekk kienx hemm ksur, sospensjoni jew rinunzja tal-preskrizzjoni (ara ***Phyllis Farrugia v. Attard Services Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020). Dan qed jingħad għaliex, f'każ li ż-żmien preskrittiv invokat ma jkunx jgħodd għall-għamla ta' kawża li tkun, allura jkun ta' xejn li l-Qorti toqgħod tqis il-provi.

36. Fil-każ tagħna, jidher ċar mir-rikors maħluf tagħha, li l-kumpanija appellanti qiegħda titlob lill-konvenuti sabiex iroddulha lura l-flejjes kollha li rċevew b'riħet il-konvenju tal-14 ta' Ottubru, 2011 minħabba li dan il-konvenju ġie ddikjarat bħala null.

37. Bħala oppożizzjoni għal din it-talba, il-konvenuti ressqu l-

eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili**, liema artikolu jaqra hekk:

> *«2156. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*
>
> *...*
>
> *(f) azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku.»*

38. Ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Francis Paris et v. Maltacom plc*** deċiża fis-7 ta' Lulju, 2008, li l-frażi «*kull kreditu ieħor ... minn ħwejjeġ oħra*», tiġbor fiha kemm krediti li jitnisslu minn rabtiet kuntrattwali jew kważi-kuntrattwali, kif ukoll krediti li huma mnissla mil-liġi jew minn kawżi oħra li kapaċi jagħtu lok għall-kreditu li jista' jinġabar b'azzjoni.

39. Fost il-krediti li ġew meqjusa li jaqgħu taħt l-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili** hemm talbiet għall-kumpens minħabba appalt li ġie mwettaq b'mod ħażin (ara ***Joseph Busuttil v. Emanuele Schembri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Frar, 1954 u ***Rita Nicolosi v. Louis Carter et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-29 ta' Jannar, 2010), azzjonijiet tal-assigurat għad-danni fil-kontront tal-assiguratur tiegħu (ara ***Donald Pirotta et v. England Insurance Agency Ltd*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru, 2010), azzjoni għad-danni minħabba li bank ikun eżegwixxa ħlas taħt *letter of credit* b'mod ħażin

(ara ***Frank P. Borg v. Limited v. Bank of Valletta p.l.c.*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Settembru, 2007), talbiet għall-kumpens minħabba serviġi (ara ***George Portelli v. Nicole Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Jannar, 1959), talbiet għall-kumpens minħabba okkupazzjoni ta' post b'mod illegali (ara ***Josephine Azzopardi pro et noe v. Carmelo Borg et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2023) u talbiet għall-kumpens taħt l-*actio de in rem verso* (ara ***Philip Grima v. Dr Joseph Cassar Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Diċembru, 1966 u ***Aldrin Muscat v. Charles Sacco et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Ġunju, 2023).

40. L-importanti huwa li l-kreditu jkun wieħed li jirreferi għall-kreditu ta' flus jew li jkollu l-istess natura ta' flus (ara ***Lorenza Buttigieg et v. Gio Batta Caruana*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Frar, 1955) għaliex jekk il-kreditu jkun dwar it-twettiq ta' xi obbligazzjoni *di fare* u mhux *di dare*, allura l-preskrizzjoni applikabbli ma tkunx dik tal-ħames snin (ara ***Anthony Abela et v. Public Broadcasting Services Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' April, 2023). Hekk pereżempju l-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili** ġie meqjus li ma jgħoddx f'azzjoni fejn ikunu qegħdin jiġu rivendikati d-drittijiet fundamentali tal-bniedem (ara ***A.I.Ċ. Joseph Barbara et v. Onorevoli Prim Ministru*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru, 1997 u ***Evelyn Montebello et v. L-Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Lulju, 2018),

f'azzjoni dwar kreditu li jkun imnissel mill-*actio pauliana* (ara ***Carmel Curmi v. Saviour sive Sammy Spiteri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Marzu, 2023 u ***Francesco Spiteri v. Eustratio Petrococchino et*** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fid-9 ta' Jannar, 1919) u f'azzjoni biex tiġi osservata obbligazzjoni kuntrattwali sabiex tiġi mnedija skema ta' pensjoni għas-servizz (ara ***Francis Paris et v. Maltacom plc*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Lulju, 2008).

41. B'żieda ma' dan, biex tapplika l-preskrizzjoni taħt l-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili**, il-kreditu la jrid ikun ġej minn kuntratt pubbliku (ara ***Frances Berghedahl nomine v. Carmelo Camilleri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Marzu, 2016 u ***Norbert McKeon et v. Emanuele Azzopardi et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Jannar, 2016) u lanqas ma jrid ikun milqut minn preskrizzjoni li hija aqsar minn dik tal-ħames snin (ara ***Giuseppe Cassar et v. Alessandro Bonnici et*** deċiża fil-5 ta' Diċembru, 1932).

42. Jekk l-elementi fuq imsemmija jiġu kollha sodisfatti, allura l-preskrizzjoni tal-ħames snin tibda timxi lil hemm mill-fatt ta' jekk id-debitur kienx ta' rieda tajba jew ta' rieda ħażina (ara ***Arcangela Grech v. Dr Michel'Angelo Cilia et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Diċembru, 1874).

43. Issa fil-każ tagħna l-kumpanija appellanti qiegħda targumenta fl-appell tagħha li l-ammont li qiegħed jintalab minnha ma jistax jitqies bħala kreditu li jaqa' taħt l-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili** għaliex dak li hija qiegħda titlob f'din il-kawża huwa li tiġbor lura l-ħlasijiet li għamlet lill-konvenuti ġaladarba l-konvenju ġie ddikjarat bħala wieħed null peress li ma ġiex reġistrat skont il-liġi. Iżżid tgħid ukoll li l-**Artikolu 2156(f)** ma japplikax għall-kważi-kuntratti għaliex dawn ma jammontawx għall-operazzjonijiet kummerċjali.

44. Din il-Qorti tqis hawnhekk li mhijiex korretta l-affermazzjoni tal-kumpanija appellanti meta donnha tagħti l-impressjoni li l-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili** jgħodd biss sa fejn ikun hemm operazzjonijiet kummerċjali. Dan għaliex l-artikolu ma jitkellimx biss dwar «*operazzjonijiet kummerċjali*» iżda jikellem ukoll dwar «o*perazzjonijiet minn ħwejjeġ oħra*». U kif rajna aktar kmieni l-ġurisprudenza interpretat din il-frażi bħala li tinkludi wkoll krediti li jkunu ġejjin minn kważi kuntratti bħall-*actio de in rem verso*.

45. Il-problema però f'din il-kawża hija li l-kumpanija appellanti ma indikatx artikolu legali speċifiku tal-liġi li fuqu sejset it-talba tagħha biex tieħu lura l-flus li ħallset. Jeħtieġ għalhekk li din il-Qorti tislet mir-rikors maħluf tal-kumpanija appellanti, in-natura legali tal-azzjoni mressqa mill-kumpanija appellanti u mbagħad minn hemmhekk tissokta biex tistħarreġ

jekk jgħoddx għaliha t-terminu ta' preskrizzjoni msemmi fl-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili**.

46. M'hemmx dubju li l-azzjoni tal-kumpanija appellanti hija dik tar-ripetizzjoni tal-indebitu *i.e.* il-ġbir lura dak li jkun ġie mħallas bla ma kien dovut.

47. Żgur li l-kumpanija appellanti mhijiex qiegħda titlob lura l-flus li ħallset fuq il-bażi tal-*causa* illeċita għaliex jekk qed tgħid li hi u l-konvenuti daħlu b'għajnejhom miftuħa f'kawża illeċita allura jgħodd il-prinċipju li *in pari causa turpitudinis cessat repetitio*, li maqlub għall-Malti jfisser: li jekk iż-żewġ naħat ikunu ħatja, allura l-ebda wieħed minnhom ma jista' jiġbor mingħand l-ieħor.

48. Il-Qorti għalhekk trid tħares lejn tipi oħra ta' ripetizzjoni tal-indebitu.

49. Kif ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza ***Maria Galea v. Grace Borg*** deċiża fit-12 ta' Ottubru, 2005 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Frar, 2008, fil-liġi tagħna l-istitut tal-indebitu huwa prospettat taħt żewġ suriet differenti: (i) dak soġġettiv jew *ex persona*, tal-kreditur jew tad-debitur skont l-**Artikoli 1021** u **1022(1) tal-Kodiċi Ċivili**; u (ii) dak oġġettiv jew *ex re* fit-termini tal**-Artikolu 1147(1)** tal-istess Kodiċi.

50. Dawn id-dispożizzjonijiet jaqraw hekk:

> *«**1021**. Kull minn jirċievi, sew xjentement jew bi żball, ħaġa li hu ma kellux jieħu la taħt obbligazzjoni ċivili lanqas naturali, għandu jroddha lil dak li min għandu jkun irċiviha bla jedd.*
>
> ***1022(1)**. Kull min, billi jaħseb bi żball li hu debitur, iħallas dejn, għandu jedd jitlob il-ħlas lura minghand il-kreditur.*
>
> ***1147(1)**. Kull ħlas jissoponi dejn, u dak li jitħallas bla ma jkollu jingħata, jista' jintalab lura.»*

51. Għalkemm dawn iż-żewġ azzjonijiet għandhom l-istess għan, *viz*. dak li jinġabar lura l-flus li jkun ġie mħallas, b'danakollu dawn huma differenti minn xulxin.

52. Fil-każ tal-indebitu suġġettiv *ex persona* taħt l-**Artikoli 1021** u **1022(1) tal-Kodiċi Ċivili** l-pagament irid ikun sar bi żball, filwaqt li fil-każ tal-indebitu oġġettiv jew *ex re* taħt l-**Artikolu 1147 tal-Kodiċi Ċivili** d-debitu li bil-ħlas tiegħu jkun ġie estint ma jkun qatt jeżisti jew ma jibqax jeżisti. Dan jiġri jew għaliex min ikun wettaq il-ħlas ma kellu l-ebda raġuni li torbtu biex jagħmel il-ħlas jew għaliex qatt ma kien hemm ir-rabta li jsir il-ħlas (*condictio indebiti sine causa*); jew inkella għaliex dik ir-rabta li dwarha jkun sar il-ħlas tintemm għaliex tiġi annullata jew ma tirnexxix fl-iskop tagħha (*condictio indebiti ab causam finitum*). Ingħad fil-fatt li tkun mistħoqqa azzjoni għar-radd lura tal-ħlas indebitu oġġettiv fejn jirriżulta li l-ftehim li bis-saħħa tiegħu jkun sar ħlas bħal dak ikun, għal xi raġuni maħsuba fil-liġi, null jew b'mod ieħor vizzjat (ara ***L-Awtorità tad-Djar v.***

***Yvonne Attard*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Mejju, 2008 u ***Maria Grech v. Filippo Abela*** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fil-11 ta' April, 1961).

53. Illi f'din l-aħħar ipoteżi tal-indebitu oġġettiv, min ikun qiegħed jitlob li jiġbor il-flus li jkun ħallas, m'għandux għalfejn jipprova li huwa ħallas bi żball (ara ***Alfred Bugeja et v. Cottonera Waterfront Group plc*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-3 ta' Ottubru, 2008).

54. Imħaddem dan kollu għall-każ tagħna, jirriżulta minn qari tar-rikors maħluf, li l-kumpanija appellanti mhijiex qiegħda tippretendi li għandha tiġbor lura l-flus, li tgħid li għandha tieħu mingħand il-konvenuti, minħabba li hija ħallset dawk il-flejjes bi żball. Fil-fatt il-kumpanija appellanti mkien fir-rikors maħluf tagħha ma qalet li hija ħallset xi flejjes lill-konvenuti bi żball.

55. Mod ieħor hija qalet li għandha l-jedd li tiġbor mingħand il-konvenuti, il-flus li tgħid li ħallsithom bis-saħħa tal-konvenju tal-14 ta' Ottubru, 2011, għaliex dak il-konvenju ġie dikjarat bħala null għaliex ma ġiex reġistrat skont il-liġi. F'dan il-kuntest huwa miżmum li biex wieħed ikun jista' jitlob ir-radd tal-ħlas mhux mistħoqq minħabba indebitu soġġettiv skont l-**Artikoli 1021** u **1022(1) tal-Kodiċi Ċivili**, jeħtieġ li dak li jkun juri li l-ħlas ikun sar bi żball ta' fatt u mhux minħabba żball ta' liġi

(ara ***Sicons Opto Products Limited v. Jesmond Farrugia nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' April, 2016). Naturalment nuqqas ta' għarfien tal-liġi li tirregola r-reġistrazzjoni tal-konvenji ma jistax jitqies bħala żball ta' fatt.

56. Minn din il-perspettiva għalhekk jidher ċar li l-azzjoni tal-kumpanija appellanti tinsab imsejsa fuq l-**Artikolu 1147(1) tal-Kodiċi Ċivili**, illi titkellem dwar l-indebitu oġġettiv. Sewwasew fil-każ tal-lum il-kumpanija appellanti qiegħda titlob lura l-flejjes li tgħid li ħallset lill-konvenuti bis-saħħa ta' konvenju għaliex dawk il-flejjes hija ma kellhiex tħallashom peress li l-konvenju ma ġiex reġistrat skont il-liġi mal-Kummissarju tat-Taxxi u b'hekk dak il-konvenju ma jiswiex. Dan iħaddan ukoll il-pożizzjoni li nsibu fl-**Artikolu 1209(2) tal-Kodiċi Ċivili**, li jgħid li bir-rexxissjoni ta' kuntratt, kull parti għandha trodd lill-oħra dak li tkun irċeviet jew daħħlet b'effett jew bis-saħħa tal-kuntratt imħassar.

57. Sewwasew, kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Carmela Cassar et v. Tarcisio Azzopardi et*** deċiża fil-31 ta' Jannar, 2019, il-fatt illi meta sar il-ħlas bis-saħħa tal-konvenju, dan kien dovut, ma jfissirx illi meta titneħħa l-*causa* għall-ħlas għaliex il-bejgħ ma jseħħx, il-ħlas jibqa' dovut. Isir appuntu, fi kliem l-**Artikolu 1147 tal-Kodiċi Ċivili**, «*dak li jitħallas bla ma jkollu jingħata*.»

58. Issa fil-qagħda tal-każ tagħna, ladarba l-indebitu mitlub mill-kumpanija appellanti mhuwiex imsejjes fuq il-bażi ta’ żball ta’ fatt taħt l-indebitu soġġettiv, allura ma jgħoddx għalih it-terminu ta’ preskrizzjoni ta’ sentejn imsemmi fl-**Artikolu 1027 tal-Kodiċi Ċivili** li jitlaq minn dakinhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-iżball. Mod ieħor, ladarba l-indebitu mitlub mill-kumpanija appellanti huwa msejjes fuq l-indebitu oġġettiv għaliex il-konvenju li minħabba fih sar il-ħlas ġie dikjarat null, allura jgħodd għalih it-terminu ta’ preskrizzjoni residwali li wieħed isib fl-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili**, ladarba għall-indebitu oġġettiv ma hemmx terminu ta’ preskrizzjoni iqsar.

59. F’kull każ anke li kieku stess, wieħed kellu jargumenta li f’dan il-każ il-kumpanija appellanti qiegħda ssejjes l-azzjoni tagħha fuq l-indebitu soġġettiv, xorta waħda huwa magħruf li t-terminu ta’ preskrizzjoni ma jistax ikun itwal minn dak ta’ ħames snin imsemmi fl-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili** peress li t-terminu ta’ preskrizzjoni ta’ sentejn imsemmi fl-**Artikolu 1027 tal-Kodiċi Ċivili**, li jaqa’ bl-għeluq ta’ sentejn minn dakinhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-iżball, ma japplikax meta l-azzjoni biex jintalab lura dak li jkun ingħata mingħajr ma kien imiss, tkun waqgħet bil-preskrizzjoni bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet miġjuba taħt it-titolu dwar il-preskrizzjoni. Japplika għalhekk dak imtenni mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-sentenza ***Paolo Spiteri v. Maria Galea*** deċiża fil-21 ta’ April, 1927 u mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Howard***

***nomine v. Micallef*** deċiża fit-13 ta' Ottubru, 1924,

> *«il termine per l'esercizio dell'azione d'indebito non possa in ogni caso estendersi a più di cinque anni dal dì in cui nacque il credito, indipendentemente dal difetto di scienza o meno del creditore, che egli era in errore.»*

60. Joħroġ minn dan kollu, li l-kumpanija appellanti mhijiex fejjieda meta tgħid li l-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili** mhuwiex applikabbli għax-xorta ta' kreditu illi hi qiegħda titlob f'din il-kawża.

61. L-ewwel parti ta' dan l-aggravju tal-kumpanija appellanti għalhekk qiegħed jiġi miċħud.

62. Il-kumpanija appellanti iżda tgħid ukoll f'dan l-aggravju tagħha li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma setgħetx tiġi milqugħa mill-Ewwel Qorti għaliex targumenta li t-terminu ta' ħames snin telaq mid-data tal-5 ta' Lulju, 2022, jiġifieri meta l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat is-sentenza tagħha fejn fiha ddikjarat li l-konvenju huwa null. U bejn din id-data li ngħatat is-sentenza u d-data ta' meta ġie pprezentat ir-rikors maħluf m'għaddewx ħames snin.

63. Il-Qorti tqis li fit-termini tal-**Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili**, it-terminu ta' ħames snin kellu jibda minn dakinhar li din l-azzjoni setgħet tiġi eżerċitata, u dan mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.

64. Ġie mfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Ottubru, 2000, fl-ismijiet ***Raphael Micallef v. Anthony Agius***, illi «*it-test li trid il-liġi allura kien dak oġġettiv, dipendenti mill-fatt li minnhom joriġina d-dritt tal-attur li jaġixxi, mhux it-test soġġettiv għall-persuna ta' l-attur, u ċjoè jekk din kinitx jew le f'kundizzjoni li taġixxi, tkun xi tkun ir-raġuni.*»

65. Fil-każ tagħna l-kumpanija appellanti qiegħda tinsisti f'dan l-istadju tal-appell li hi ma setgħetx tmexxi ġudizzjarjament kontra l-appellati qabel mal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża 899/2020AF iddikjarat li l-konvenju kien null.

66. Huwa prinċipju legali li *contra non valentem agere non currit prescriptio*, li maqlub għall-Malti jfisser li l-preskrizzjoni ma titlaqx kontra min huwa mxekkel jew miżmum milli jaġixxi (ara ***Joseph Zammit Tabona nomine et v. Joseph N. Tabone nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju, 2010). Tassew jeżistu sitwazzjonijiet ta' ċertu impedimenti li jagħmluha impossibbli, jew diffiċli, biex parti tressaq l-azzjoni tagħha. Tali impedimenti jissospendu l-preskrizzjoni u ma jobbligawx lil dak li jkun illi jieħu miżuri oħra biex jikkonserva l-azzjoni tiegħu (ara ***Caterina Gerada et v. Avv. Dr. Antonio Caruana*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju, 1969 u ***Joseph Borg et v. Josephine Breckon*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Marzu, 2006).

67. B’danakollu però huwa sew magħruf sa minn aktar minn mitt sena ilu, li dan il-prinċipju ta’ *contra non valentem agere non currit prescriptio* jinkludi l-ostakli legali li jxekklu lill-persuna milli taġixxi iżda mhux ukoll l-injoranza tad-drittijiet tiegħu (ara ***Vincenzo Maria Debono v. Dr. Massimo Debono nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta’ Frar, 1920).

68. Jinsab ippreċiżat imbagħad, li peress li l-liġi tagħna ma stabbilietx li t-terminu ta’ preskrizzjoni għandu jibda mill-ġurnata tal-għarfien tad-dannu, allura l-preskrizzjoni trid, skont il-prinċipji ġenerali tal-liġi, tibda mill-jum li jkun iseħħ id-dannu jew ikun twieled il-jedd ta’ kreditu (ara ***Banchiere Scicluna nomine v. Ammiraglio Sir Tracey, K.C.B. nomine et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili fit-22 ta’ Ġunju 1900 u ***Antoinette Vella v. CareMalta Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta’ Diċembru, 2019).

69. Rilevanti ħafna għall-każ tal-lum, dak li kien ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Bartolomeo Xuereb v. Carmelo Zammit*** deċiża fid-9 ta’ Marzu, 1994, li meta tkun is-sentenza tal-Qrati li toħloq id-dritt ta' azzjoni, allura l-azzjoni ġudizzjarja tista' tinbeda biss wara li tingħata dik is-sentenza u b’hekk tkun minn dik id-data li tibda tiġri l-preskrizzjoni. Jekk iżda s-sentenza tkun sempliċement dikjaratorja ta' x'kienet il-pożizzjoni

ġuridika korretta qabel bdiet il-kawża, allura, huwa daqstant ieħor ċar li tali sentenza m'għandha ebda rilevanza la għal meta l-azzjoni tal-kreditur setgħet tiġi intavolata u, konsegwentement lanqas għad-data li minnha bdiet titlaq il-preskrizzjoni (ara wkoll ***Emilio Agius v. Joseph Spiteri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Frar, 2008).

70. Anke jekk sentenza sempliċement tirriżerva dritt ta' azzjoni *si et quatenus* (bil-Malti jiġifieri: jekk u sa liema punt), dan ma jfissirx li s-sentenza tkun qiegħda toħloq xi dritt ta' azzjoni li ma kienx jeżisti qabel. Meta ssir riżerva *si et quatenus*, kull ma jsir hu li l-Qorti tkun qiegħda tirriżerva lill-parti dritt ta' azzjoni jekk dan jeżisti u jekk dan ikun għadu disponibbli, però, ma tkun qiegħda tagħti ebda drittijiet ġodda lil dik il-parti jew b'xi mod tagħti l-ħajja lura għal xi dritt ta' azzjoni li jkun diġà skada (ara ***Eleni Papadopoulou nomine v. Direttur Ġenerali tal-Artijiet u Reġistru Pubbliku et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar, 2014).

71. Lura għall-każ tagħna, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-kumpanija appellanti li l-jedd tagħha li tiġbor lura dak li ħallset skont il-konvenju, twieled dakinhar li ngħatat is-sentenza fil-kawża 899/2020AF, meta ġie ddikjarat li l-konvenju kien null. Tassew il-jedd tagħha li tiġbor dak li hija ħallset dakinhar tal-konvenju tal-14 ta' Ottubru, 2011 twieled meta għaddew il-wieħed u għoxrin jum imsemmi fir-**Regolament 10 tar-Regoli Dwar It-Taxxa Fuq Dokumenti u Trasferimenti (Leġislazzjoni**

**Sussidjarja 364.06)** minn dakinhar li sar il-konvenju u dak il-konvenju baqa' ma ġiex reġistrat mal-Kummissarju tat-Taxxi.

72. Malli għaddew dawk il-wieħed u għoxrin jum, il-konvenju li ma ġiex reġistrat kien f'għajnejn il-liġi meqjus bħala wieħed null skont l-**Artikolu 3(6) tal-Att Dwar It-Taxxa Fuq Dokumenti u Trasferimenti**, u għalhekk minn dakinhar il-kumpanija appellanti setgħet titlob lura dak li ħallset lill-konvenuti.

73. Fuq il-ħlasijiet l-oħra fix-xahar li l-kumpanija appellanti ħallset lill-konvenuti appellati, wara li għaddew dawn il-wieħed u għoxrin jum, hija setgħet titlob li tiġborhom lura minn dakinhar stess li ħallsithom għaliex meta saru dawk il-ħlasijiet il-konvenju kien null u għalhekk l-ebda ħlas ma kien dovut.

74. Fil-każ tagħna, jirriżulta mill-atti ta' din il-kawża li l-aħħar pagament tal-kumpanija appellanti sar fil-15 ta' April, 2014. Minn dakinhar sad-data li ġie ppreżentat ir-rikors maħluf fit-8 ta' Awwissu, 2022, għaddew ferm aktar minn ħames snin.

75. Kontra dak li tgħid il-kumpanija appellanti, dan iż-żmien ma ġiex sospiż bis-sentenza mogħtija fil-kawża 899/2020AF. Jiġi b'hekk li l-azzjoni tal-kumpanija appellanti saret wara li ġa kien laħaq għalaq iż-

żmien ta' ħames snin imsemmi fl-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili**, bil-konsegwenza għalhekk li din il-Qorti qiegħda ssib li anke dan it-tieni parti tal-aggravju mhuwiex mistħoqq.

76. Fit-tielet parti ta' dan l-aggravju tagħha, il-kumpanija appellanti tgħid li l-konvenut Salvatore Pisani ma ħalifx skont l-**Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili** li huwa mhuwiex midjun magħha; stqarr minflok fl-affidavit tiegħu, li huwa żamm il-flejjes li rċieva mingħandha iżda m'għamilx il-kuntratt għaliex il-konvenju kien null.

77. Sa fejn rilevanti għall-każ tagħna, l-**Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili** jgħid li l-preskrizzjoni msemmija fl-**Artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili** m'għandhiex effett jekk il-partijiet li jeċċepuha, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.

78. Ta' min jgħid li l-kumpanija appellanti ma appellatx mill-fatt li l-konvenuta Mary Pisani ma tatx il-ġurament tagħha skont l-**Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili**, iżda appellat biss dwar il-mod ta' kif il-konvenut l-ieħor Salvu Pisani xehed fl-affidavit tiegħu. Billi l-għażla tal-aggravji taqa' f'idejn l-appellant, il-Qorti sejra tqis dan l-aggravju sa fejn jolqot biss lill-konvenut Salvu Pisani.

79. Jissokta jingħad, li l-ġurament imsemmi fl-**Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili** jista' jittieħed kemm permezz ta' xhieda bil-fomm quddiem il-Qorti jew inkella permezz ta' affidavit (ara ***Direttur tar-Reġistru Pubbliku v. HSBC Bank Malta plc*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Settembru, 2019 u ***John Camilleri v. Maria Camilleri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ottubru, 2022).

80. Fil-każ tal-lum, il-konvenut Salvatore Pisani ħalef hekk fl-affidavit tiegħu (ara paġna 27 tal-atti tal-kawża):

> *«Illi matul iż-żmien l-istess kumpanija kienet bdiet tħallas numru ta' ammonti mill-prezz tal-bejgħ u l-aħħar pagament kien sar fil-15 ta' April, 2014.*
>
> *Illi minn dakinhar tal-aħħar pagament sa meta nfetħet din il-kawża, jiena qatt ma rċevejt xi talba ta' ħlas mingħand il-kumpanija Western u jien hawnhekk nikkonferma li m'għandi nħallas xejn lil din il-kumpanija u li minix debitur fil-konfront tagħha.*
>
> *Illi għandi ngħid ukoll illi permezz ta' sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, tal-5 ta' Lulju 2022 Rik. Ġur. 899/20AF, illum res ġudikata, dik il-Qorti kienet iddikjarat il-konvenju hawn fuq imsemmi bħala wieħed null u kienet ukoll ċaħdet it-talbiet l-oħra tal-kumpanija Western Co. Limited għall-ħlas ta' danni.»*

81. Fil-fehma tal-Qorti din l-istqarrija hija konformi ma' dak mitlub fl-**Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili** u mill-mod ta' kif inhi miktuba ma jirriżultax li Salvinu Pisani qiegħed b'xi mod jaċċetta li huwa debitur tal-kumpanija appellanti. Anzi fl-affidavit huwa qiegħed jiddikjara li mhuwiex debitur tal-kumpanija appellanti u li m'għandu jħallasha xejn.

82. Minħabba f'hekk anke dan it-tielet parti tal-aggravju qiegħed jiġi mwarrab.

83. Jifdal biss l-aħħar argument, fejn fih il-kumpanija appellanti tgħid li l-Ewwel Qorti m'apprezzatx biżżejjed il-kitba privata fejn fiha bl-idejn jidher li hemm miktub hekk:

> *«Jien Saviour Pisani, ID 791936(A) niddikjara li f'każ li n-negozju bejni u Western Co. Ltd ma jseħħx, jien ikolli u naċċetta li nħallas il-profitt fuq is-somma li l-garaxx ikun inbiegħ, liema somma jien naċċetta li hi dik ta' €149,000 (profitt).»*

84. Il-kumpanija appellanti tgħid li l-Ewwel Qorti messha fetħitilha għajnejha li din il-kitba privata ma kinitx awtentikata kif trid il-liġi, bħalma fetħet għajnejn il-konvenuti li huma ma kinux indikaw is-subinċiż tal-**Artikolu 2156** li kien applikabbli. Iżżid tgħid ukoll li l-oneru tal-prova li din il-kitba privata kienet falza kienet taqa' fuq il-konvenuti appellati.

85. Fil-fehma tal-Qorti dan l-ilment huwa barra minn loku għaliex il-Qrati mhumiex qegħdin hemm biex jiftħu għajnejn jew jagħtu l-pariri lill-partijiet dwar il-kwalità tal-provi li għandhom jiġu mressqa f'kawża. L-għażla fit-tressiq tal-provi hija mħollija fid-diskrezzjoni ħielsa tal-partijiet u xogħol il-Qorti huwa biss li tiddeċiedi l-każ fuq il-provi rilevanti u ammissibbli li jinġiebu quddiemha. Ifisser għalhekk li jekk kien hemm nuqqas: dan kien tal-kumpanija appellanti stess li ressqet dokument mhux ammissibbli għaliex ma kienx awtentikat u mhux tal-Ewwel Qorti li

ma qaltlux bid-dokument mhux awtentikat.

86. Il-paragun imbagħad li l-kumpanija appellanti tipprova tagħmel mal-fatt li l-Ewwel Qorti kienet ġibdet l-attenzjoni tal-konvenuti dwar in-nuqqas ta' tismija tas-subinċiż tal-**Artikolu 2156** għandu mill-fieragħ. Kif rajna aktar kmieni m'hemmx nullità tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mogħtija taħt l-**Artikolu 2156** jekk dak li jkun ma jsemmix is-subinċiż rilevanti, b'dana għalhekk li meta hija stiednet lill-konvenuti jippreċiżaw is-subinċiż rilevanti, hija għamlet dan biex tillimita l-iskop tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, ħalli b'hekk ma toqgħodx tistħarreġ is-subinċiżi kollha tal-imsemmi artikolu u tiffoka biss fuq is-subinċiż rilevanti. B'dan l-intervent tagħha, ħadd mill-partijiet ma ġie żvantaġġat. Anzi l-kumpanija appellanti marret għall-aħjar għaliex kontriha minflok eċċezzjoni tal-preskrizzjoni msejsa fuq is-subinċiżi kollha tal-**Artikolu 2156**, issa kellha eċċezzjoni ta' preskrizzjoni msejsa fuq subinċiż wieħed mill-imsemmi artikolu.

87. Mhux l-istess jista' jingħad fil-kuntest tal-awtentiċità u tal-ammissibblità tad-dokumenti ppreżentati mill-kumpanija appellanti. L-Ewwel Qorti kienet titlef in-newtralità u l-ekwidistanza tagħha li kieku ġibdet l-attenzjoni tal-kumpanija appellanti dwar in-nuqqas ta' awtentiċità tad-dokumenti li ġew imressqa minnha. Dan aktar u aktar meta wieħed iqis li b'digriet tad-29 ta' Novembru, 2022 (ara paġna 25 tal-atti tal-

kawża), l-Ewwel Qorti kienet ordnat it-tneħħija ta' dawn id-dokumenti u ordnat li jiġu ppreżentati l-oriġinali, wara li dakinhar kien ġie vverbalizzat mill-avukat tal-konvenuti li dawk id-dokumenti ma kienu qatt ġew iffirmati minnhom u wara li dakinhar ukoll kien ġie ppreżentat affidavit tal-konvenut Salvu Pisani fejn fih stqarr li l-firem li jidhru fid-dokumenti mhumiex tiegħu u ġew iffalsifikati.

88. Kien għalhekk fl-interess tal-kumpanija appellanti li meta fis-17 ta' Jannar, 2023 ippreżentat l-oriġinali ta' dawn id-dokumenti, hija tieħu ħsieb turi li dawn huma awtentikati. Iżda l-kumpanija appellanti mhux talli ppreżentat dawn id-dokumenti mingħajr l-awtentikazzjoni ta' avukat, nutar jew prokuratur legali skont l-**Artikolu 634(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** iżda mħabbta bid-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut Salvatore Pisani li dawk id-dokumenti ma kinux ġew iffirmati minnu, il-kumpanija appellanti la ndenjat ruħha tagħmillu l-kontroeżami biex tipprova tmerih, la tellgħet bħala xhud il-persuna bla isem li skont dawn id-dokumenti suppost kien xhud tal-firma ta' Salvatore Pisani, la tellgħet xi xhud ieħor biex jixhed fuq kif saru dawk id-dokumenti u lanqas ma talbet il-ħatra ta' espert kaligrafu biex jistabbilixxi jekk il-firem f'dawn id-dokumenti humiex tabilħaqq tal-konvenut Salvatore Pisani.

89. Kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti, ladarba l-konvenut Salvatore Pisani ċaħad li ffirma d-dokumenti li ġew ippreżentati mill-kumpanija appellanti,

allura dan ġie li waqqa' l-preżunzjoni msemmija fl-**Artikolu 634(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** li l-firma fuq id-dokumenti msemmija hija tassew tiegħu. Wara din iċ-ċaħda, il-piż tal-prova li l-konvenut iffirma l-iskritturi msemmija waqgħet fuq il-kumpanija appellanti li tipprova l-validità tal-firma skont wieħed mill-mezzi msemmija fl-**Artikolu 635 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

90. Minn dan iżda l-kumpanija appellanti m'għamlet xejn u meta tqis ukoll li hemm tħażżiż u bdil fid-data ta' meta suppost dawn ġew iffimati, din il-Qorti ma tistax tlum lill-Ewwel Qorti talli ma aċċettatx dawn il-kitbiet privati bħala awtentiċi.

91. L-ewwel aggravju tal-kumpanija appellanti kontra s-sentenza tat-13 ta' Lulju, 2023 qiegħed għalhekk jiġi miċħud kollu kemm hu.

92. It-tieni aggravju jolqot dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti qalet li t-talbiet tal-kumpanija appellanti marbuta mat-telf ta' qligħ li batiet minħabba li ma sarx il-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ ma jistgħux jiġu mistħarrġa, peress li dawn ġew miċħuda fis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bejn l-istess partijiet fil-kawża 899/2020AF ta' nhar il-5 ta' Lulju, 2022.

93. Huwa magħruf li biex tista' tiġi aċċettata eċċezzjoni tal-ġudikat

hemm bżonn li jintwerew tliet affarijiet, *viz*. li l-ewwel u t-tieni kawża jkunu: (i) bejn l-istess persuni (*eadem personae)*; (ii) fuq l-istess oġġett *(eadem res)*; u (iii) dwar l-istess raġunijiet jew tilwima (*eadem causa petendi)* (ara ***Anna Magro et v. Emanuela Psaila nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Diċembru, 2002 u ***Alfred Lanzon et v. Charles Zammit Cordina*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Jannar, 2009).

94. Imħaddem dan kollu għall-każ inkwistjoni, meta jiġu mqabbla l-proċeduri bin-numru 899/2020 u dawn il-proċeduri bin-numru 718/2022 li qed jinstemgħu issa minn din il-Qorti, jirriżulta li ż-żewġ proċeduri saru: (i) **bejn l-istess partijiet** *viz*. bejn Western Co. Limited u Salvu u Mary Pisani; (ii) **jinvolvu l-istess oġġett**, *viz*. il-garaxx bl-isem ta' "*Datsun",* bla numru u li jinsab fi Triq Santa Maria, Birkirkara; u (iii) **fihom ukoll talbiet li huma l-istess**, jiġifieri dikjarazzjoni, likwidazzjoni u ħlas ta' danni minħabba n-nuqqas tal-konvenuti li jersqu għall-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ tal-garaxx.

95. Imxiet tajjeb għalhekk l-Ewwel Qorti meta qalet fis-sentenza tagħha li t-talbiet relatati mat-telf ta' qligħ minħabba li ma sarx il-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ huma milquta u maħnuqa bil-ġudikat maħluq bis-sentenza mogtiija fil-kawża 899/2020AF ta' nhar il-5 ta' Lulju, 2022.

96. Anke dan l-aħħar aggravju għalhekk qiegħed jiġi miċħud.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** l-appell ta' Western Co. Limited u tikkonferma f'kollox is-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu kollha minn Western Co. Limited.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Christian Falzon Scerri
Imħallef

Josette Demicoli
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm